**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 1265/2011**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ian Borg**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ian Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 398488M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-28 t'Awwissu 2010 għall-ħabta ta' 01:15hrs fi Triq Ħal Far, B'Bugia, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBV676:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Borg skond ma ċċertifikat Dr Ruth Galea M.D. u ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Margherita Schembri skond ma' ċċertifika Dr Christopher Deguara M.D. u ġrieħi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjoni fuq il-persuna ta' Doris Borg skond ma' ċċertifikat Dr Samantha Saliba M.D;
2. Saq l-imsemmija vettura b'veloċita' li teċċedi l-limitu preskritt bil-liġi;
3. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) bla kont.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 225 u 226 tal-Kap. 9 u

l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, u Reg. 127 tal-L.S. 65.11, ilkoll tal-Liġijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lil Ian Borg ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti u minflok piena, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza, u dana ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Ian Borg ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 t'Ottubru 2022, u tgħaddi sabiex tillibera lill-appellant mill-akkużi kif dedotti u minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq aggravju uniku, liema aggravju jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, meta din fil-fehma tiegħu errat meta straħet unikament fuq il-firxa ta' *debris* li tħalla mill-vetturi involuti fis-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi huwa prinċipju ormai rassodat fil-ġurisprudenza, illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Illi sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun

f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, mill-affidavit u x-xiehda ta' PS 853 F. Sciberras, li nvestiga l-inċident, jirriżulta li nhar it-28 ta' Awwissu 2010, għall-ħabta tas-1:15am seħħ inċident tat-traffiku fi Triq Ħal Far, Birzebbugia fejn kien hemm persuni li sofrew xi ġrieħi. PS853 stqarr li huwa rrikorra fuq il-post fejn sab vettura tal-għamla Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL-189 li kienet *total loss* kif ukoll tlett persuni midruba, senjatament Carmel Borg, Doris Borg u Maria Margherita Schembri. Din ta' l-aħħar kellha filfatt tinħareġ mill-vettura wara intervent minn membri tal-Protezzjoni Ċivili. Ġie innutat ukoll li l-vettura tal-għamla Peugeot kellha r-rota tal-lemin ta' wara maqlugħa. PS 853 stqarr ukoll li l-vettura tal-appellant kienet ukoll tilfet rota, dik tal-lemin ta' quddiem.

Illi fl-ewwel verzjonijiet tal-partijiet meħuda mis-surġent Sciberras ma kienx hemm qbil dwar id-dinamika tal-inċident. Carmel Borg, ix-xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL189, stqarr li kien għaddej minn Triq Ħal Far, Birzebbugia (direzzjoni lejn il-Port Ħieles) u kif avviċina liwja fit-triq, lemaħ vettura oħra ġejja mid-direzzjoni l-opposta tiegħu b'veloċita' qawwija, liema vettura tilfet il-kontroll u baqgħet dieħla fil-ġenb tal-lemin tal-vettura tiegħu. Mad-daqqa, igħid li l-vettura tiegħu daret fuqha innifisha. Minn naħa l-oħra, l-appellant jagħti verzjoni dijametrikament opposta għal dik ta' Borg meta jistqarr illi filfatt kienet il-vettura ta' Borg li kienet daħlet fil-vettura tiegħu u li allura l-kawża prossima tas-sinistru kienet l-invażjoni minn Borg tal-karreġġjata tat-traffiku fejn kien qiegħed isuq hu.

Illi ġie ppreżentat ukoll l-iskizz magħmul minn PS 853, li fih hemm indikati il-provi indizzjarji meħuda minn fuq il-lok tal-inċident fosthom d-*debris* li tħalla wara l-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

impatt kif ukoll il-*grease marks,* il-fdalijiet tal-vetturi li nstabu kollha fl-istess karreġjata, u d-daqqa mal-bankina. Illi, ġew ippreżentati ukoll iċ-ċertifikati mediċi tal-vittmi nvoluti f'din il-kolliżjoni, lli jindikaw illi Doris Borg sofriet minn "*Abrasion left side forehead*", liema ġrieħi ġew kklasifikati bħala ġrieħi ta' natura ħafifa, Carmel Borg sofra "*Superficial LCW left side forehead, 2-3 rib fractures right side, fracture right superior and inferior pubic rami, abrasions right and left elbows, abrasions left knee and leg*", liema ġrieħi ġew kklassifikati bħala ta' natura gravi, u finalment, Margaret Schembri, li sofriet "*LCW right thigh, fracture right pelvis/public ramus, compound fracture bimalleolar right ankle*", liema ġrieħi ukoll ġew ikklassifikati bħala ta' natura gravi, fejn skont ix-xiehda ta' l-*Ortophaedic and Trauma Surgeon* Massimo Abela, Schembri sofriet dizabilita' permanenti ta' 12%.

Illi rinfaċċjata b'żewġ verzjonijiet konfliġġenti dwar id-dinamika ta'l-inċident mogħtija mis-sewwieqa rispettivi f'dan is-sinistru, u bix-xhieda l-oħra preżenti bħala passiġġiera fil-vetturi rispettivi ma jixħtu ebda dawl fuq dak li seħħ, l-Ewwel Qorti straħet fuq il-provi indizzjarji misjuba fuq il-lok fejn seħħ l-impatt u waslet għal konklużjoni li għal dan is-sinistru stradali kien jaħti unikament l-appellant li nvada il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta fejn sab ma' wiċċu l-vettura misjuqa minn Borg.

Issa mil-iskizz eżebit in atti u mill-ħsarat subiti fil-vetturi rispettivi involuti jirriżultaw is-segwenti fatti probatorji:

1. Illi d-*debris* riżultat tal-impatt jinsab kollu kemm hu fuq il-karreġġjata tat-traffiku fejn kienet il-vettura Peugeot qabel l-impatt.
2. Illi il-vettura misjuqa minn Borg kellha ħsarat konsiderevoli fejn il-maġġior parti kienu fuq in-naħa tal-lemin ta'l-istess.
3. Mal-impatt inqalgħet ir-rota tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Borg u ċioe' l-Peugeot, u il-bieba tan-naħa tax-xufier.
4. Illi kienu il-persuni li kienu jinstabu fuq din in-naħa tal-lemin fil-vettura Peugeot u ċioe' Carmel Borg, ix-xufier, u Maria Schembri, passiġġiera rikba wara ix-xufier, li sofrew l-iktar ġrieħi gravi.

5. Il-vettura Honda tilfet ir-rota ta' quddiem tan-naħa tal-lemin mal-impatt u tkaxkret 'il fuq minn 100 metru sakemm ġiet stazjonarja.
6. Il-vettura Peugeot mad-daqqa, daret fuqha innifisha u spiċċat fuq il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta tagħha tħares wiccha lejn il-bankina tan-naħa tax-xellug direzzjoni lejn Birżebbuġia.
7. Hemm daqqa mal-bankina u xi marki taż-żejt fuq il-karreġġjata fejn kienet qed tinsaq il-vettura Peugeot.
8. Kien hemm fdaljijiet tal-vettura Peugeot fuq il-bankina in-naħa tal-karreġġjata tat-triq fejn kienet qed tinstaq il-Honda.
9. Il-vettura Honda tilfet il-*wishbone* u ix-xaft li kienu fuq il-karreġġjata tat-traffiku direzzjoni lejn Birżebbugia fejn kienet il-vettura ta' Borg, bir-rota tal-Honda, kif ingħad tinqala minn postha.

Illi fl-aggravju minn ntentat marbut mal-apprezzament tal-provi, l-appellant jitlaq minn premessa żbaljata meta jikkontendi illi r-rota tan-naħa tax-xellug tal-vettura Peugeot laqtet il-bankina u tilfet il-kontroll sabiex spiċċat il-karreġġjata tat-traffiku fejn kien qed isuq hu. Illi fil-fatt il-ħsara fil-vettura ta' Borg kif inghad kienet konċentrata fuq il-parti tal-lemin bir-rota tal-lemin tlun dik indikata fl-iskizz li laqtet il-bankina u mhux dik tax-xellug.

Illi minn dawn il-provi indizjarji hija l-fehma tal-Qorti illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Carmel Borg hija aktar verosimili. Dan għaliex mhux biss kif osservat tajjeb l-Ewwel Qorti, id-*debris* mill-incident jinstab fuq il-karreġġjata tat-traffiku tal-vettura Peugeot, iżda ukoll għaliex mill-ħsarat subiti fil-vetturi rispettivi jemerġi is-segwenti xenarju. Illi huwa indubitat illi l-vettura Honda kienet qed tinstaq b'veloċita elevata mhux biss għaliex huwa evidenti illi l-impatt mal-vettura ta' Borg kien wieħed qawwi tant li din daret fuqha innifisha, iżda ukoll għaliex wara l-impatt għalkemm inqalgħet ir-rota ta' quddiem tal-lemin il-vettura tal-appellant din baqgħet miexja għal aktar minn 100 metru qabel irnexxielha tieqaf. Illi l-impatt kien wieħed konsiderevoli tant illi tqaċċtu il-*wishbone* u x-xaft tal-Honda li nstabu ukoll fil-karreġġjata tal-Peugeot. Illi mad-daqqa qawwija li ħadet il-Peugeot, kif ingħad, il-vettura tilfet il-kontroll, daret fuqha innifisha u spiċċat fuq il-kareġġjata l-opposta.

Illi l-ħsara subita fil-vettura Peugeot kienet konċentrata fuq il-lemin mill-bieba tax-xufier lura tant illi mad-daqqa inqalgħet ir-rota ta' wara tan-naħa tal-lemin tal-vettura. Illi kienu il-persuni rekbin fuq din in-naħa tal-vettura u cioe' ix-xufier Borg u Maria Schembri, li kienet riekba warajh, li sofrew l-aktar grieħi gravi li huwa indikattiv illi kien hemm impatt qawwi fuq din in-naħa tal-vettura. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi mad-daqqa il-vettura ta' Borg imxiet lura, laqtet il-bankina, daret fuqha innifisha sakemm waqqfet. Dan magħdud, madanakollu, kemm jekk ir-rota tal-vettura ta' Borg laqtet il-bankina qabel l-impatt kemm jekk dan seħħ wara, u anke jekk *gratia argomenti* l-appellant għandu raġun illi l-vettura ta' Borg setgħet invadiet xi ftit il-karreġġjata tat-traffiku tiegħu, żgur mhux forsi illi l-vettura misjuqa mill-appellant kienet qed tinstaq ukoll viċin il-linja medjana jekk mhux oltre din il-linja u b'veloċita elevata biex sar impatt daqshekk qawwi u bid-*debris* jispiċċa kollu kemm hu fuq in-naħa tat-traffiku sejjer lejn Birżebbuġia. Illi il-Qorti hija tal-fehma, illi l-kawża prossima tal-inċident kienet il-velocita' gholja tal-vettura *Honda* li biha habtet fil-vettura *Peugeot* fil-mument tal-incident meta qatghet il-liwja ghad-dritt. Il-velocita' tal-*Honda* kienet qawwija bizzejjed li bid-daqqa il-vettura *Peugeot* mxiet lura waqt li l-*momentum* tal-*Honda* kien tant qawwi li l-vettura irnexxiela tieqaf biss madwar 100 metru 'il fuq minn fejn seħħ l-impatt. X'aktarx għalhekk illi r-rota tal-Peugeot inqalgħet meta bl-impatt il-vettura kienet imbuttata lura, ħabtet mal-bankina. Hawnhekk ix-xufier tilef kompletament il-kontroll tal-vettura bid-daqqa daret fuqha innfisha u spiċċat waqfgħet fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti errat fil-ġudizzju tagħha li kien wieħed legalment u raġjonevolment validu u għalhekk għandu jibqa invarjat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Edwina Grima**

**Imħallef**